**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għas-Sajd*

**2026/2074(INI)**

17.6.2026

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet demersali fil-Punent tal-Baħar Mediterran
(2026/2074(INI))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Carmen Crespo Díaz

**WERREJ**

**Paġna**

NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET .....3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....5

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT .....10

## NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET

Is-sajd fil-Mediterran huwa parti mill-istorja, mill-kultura u mill-identità tal-Ewropa. Għal sekli sħaħ, il-komunitajiet kostali tal-Mediterran bnew l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom madwar attività tas-sajd li mhux biss tiżgura ikel ta' kwalità għal miljuni ta' ċittadini Ewropej, iżda tikkontribwixxi wkoll għall-koeżjoni territorjali, għall-impjiegi u għall-preservazzjoni ta' għarfien u tradizzjonijiet b'għeruq fondi.

L-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1022 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut demersali fil-Punent tal-Baħar Mediterran indirizzat il-ħtieġa li jiġi żgurat l-irkupru ta' ċerti stokkijiet tal-ħut taħt pressjoni. L-objettiv li jinkiseb sfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar huwa kondiviż mis-settur, mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet Ewropej. Madankollu, wara aktar minn ħames snin ta' implimentazzjoni, l-esperjenza miksuba turi li l-qafas regolatorju attwali għandu limitazzjonijiet sinifikanti li jeħtieġu reviżjoni fil-fond u urġenti, sabiex jiġi avvanzat l-għan komuni tal-UE li żżid il-kompetittività b'mod ġenerali.

Matul dan il-perjodu, il-flotta tal-Mediterran għamlet sforzi straordinarji biex tadatta ruħha. Is-sajjieda aċċettaw tnaqqis suċċessiv fl-isforz tas-sajd, ġarrbu spejjeż ekonomiċi sinifikanti u investew riżorsi sinifikanti biex itejbu s-sostenibbiltà tal-attività tagħhom. L-adozzjoni ta' rkaptu aktar selettiv, l-inkorporazzjoni tal-"flying doors", l-użu ta' malji aktar selettivi u titjib tekniku ieħor juru l-impenn tas-settur li jikkonserva r-riżorsi u jnaqqas l-impatt ambjentali tiegħu sabiex ikun jista' jkompli bl-attività tiegħu, li jsostni eluf ta' kumpaniji tas-sajd fil-Mediterran, li l-maġġoranza tagħhom jappartjenu għal familji ħaddiema.

Dawn l-isforzi għenu biex jiġu ġġenerati riżultati pożittivi għal ċerti stokkijiet. Madankollu, l-implimentazzjoni prattika tal-pjan żvelat ukoll diffikultajiet ekonomiċi u soċjali sinifikanti. F'ħafna każijiet, it-tnaqqis kontinwu fil-jiem tas-sajd ġab l-attività tal-bastimenti qrib jew saħansitra taħt il-limiti minimi ta' profittabbiltà, u dan ikkompromietta l-vijabbiltà tal-intrapriżi tas-sajd, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żamma tal-impjiegi fil-komunitajiet kostali.

Din l-evalwazzjoni tenfasizza li l-metodoloġija applikata bħalissa skont il-qafas ta' pjan pluriennali tkompli tagħti piż predominanti lill-indikaturi bijoloġiċi, mingħajr ma tintegra biżżejjed il-konsegwenzi soċjoekonomiċi li jirriżultaw minn deċiżjonijiet ta' ġestjoni. Il-Politika Komuni tas-Sajd hija bbażata fuq tliet pilastri inseparabbli: is-sostenibbiltà ambjentali, is-sostenibbiltà ekonomika u s-sostenibbiltà soċjali; L-ebda wieħed minnhom ma jista' jiġi żviluppat waħdu.

Ir-rapporteur tqis partikolarment inkwetanti l-implimentazzjoni tal-kunċett tal-"istokk l-aktar vulnerabbli", li wasslet għal sistema riġida ta' ġestjoni tal-isforzi bbażata fuq il-loġika tal-hekk imsejħa "speċijiet bi kwota limitanti". Dan l-approċċ ma jirriflettix b'mod adegwat ir-realtà tas-sajd imħallat fil-Mediterran, ikkaratterizzat mill-qbid simultanju ta' diversi speċijiet u diversità operattiva kbira bejn ir-reġjuni u s-segmenti tal-flotta.

Għalhekk, ir-rapport jipproponi riforma ambizzjuża tar-Regolament biex l-operat tiegħu jiġi adattat għall-karatteristiċi reali tas-sajd fil-Mediterran. L-emendi proposti jenfasizzaw it-tħassir tad-definizzjoni tal-"istokk l-aktar vulnerabbli", l-inkorporazzjoni espliċita tal-kriterji soċjoekonomiċi fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fl-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd, kif ukoll ir-riforma tal-Artikolu 4 biex tiġi rikonoxxuta bis-sħiħ in-natura mħallta ta' dan is-sajd.

Qed jiġi propost ukoll li jiġu introdotti mekkaniżmi ta' flessibbiltà li diġà jeżistu fi pjanijiet pluriennali oħra tal-Unjoni Ewropea, inklużi stabilizzaturi li jillimitaw it-tnaqqis annwali fl-isforz tas-sajd, il-trasferimenti bejn sena u oħra u sistemi ta' ġestjoni aktar prevedibbli li jippermettu lill-kumpaniji jippjanaw l-attività u l-investimenti tagħhom fuq terminu medju u twil.

Is-sitwazzjoni partikolari ta' ċertu sajd teħtieġ ukoll attenzjoni speċifika. Is-sajd għall-gambli ħomor huwa eżempju ewlieni ta' regolamentazzjoni kumplessa żżejjed, peress li huwa soġġett kemm għal sistema ta' kwoti kif ukoll għal limitazzjonijiet fuq il-jiem tas-sajd. Din ir-restrizzjoni doppja ħolqot diffikultajiet ekonomiċi u operazzjonali sinifikanti, u għalhekk ir-rapport jitlob li titneħħa b'urġenza.

It-titjib tal-governanza tas-sajd fil-Mediterran jeħtieġ ukoll it-tisħiħ tal-bażi xjentifika li fuqha jserrħu d-deċiżjonijiet. Id-disponibbiltà ta' data affidabbli, il-koordinazzjoni bejn il-korpi xjentifiċi nazzjonali, Ewropej u reġjonali, u l-kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran huma elementi essenzjali biex jiġu żgurati deċiżjonijiet trasparenti u infurmati. Bl-istess mod, jeħtieġ li jiġu vvalutati kif xieraq l-effetti reali tal-miżuri diġà adottati qabel ma jiġi kkunsidrat aktar tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd.

Is-sostenibbiltà tas-sajd fil-Mediterran ma tiddependix biss fuq il-flotot Ewropej. Il-persistenza ta' attivitajiet tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat fil-baċir tal-Mediterran, kif ukoll id-differenzi fil-livell ta' konformità bejn il-pajjiżi kostali, joħolqu sitwazzjonijiet ta' kompetizzjoni żleali u jipperikolaw l-isforzi li jsiru mis-sajjieda Ewropej. Ir-rapport għalhekk jirrakkomanda t-tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali, ir-rwol tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran u l-kapaċitajiet ta' kontroll, spezzjoni u sorveljanza kemm tal-Istati Membri kif ukoll tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd.

Is-sajd huwa wkoll settur strateġiku għall-Unjoni Ewropea. F'kuntest ġeopolitiku kkaratterizzat mill-importanza dejjem tikber tal-awtonomija strateġika u s-sigurtà tal-ikel, il-produzzjoni Ewropea tas-sajd tirrappreżenta assi essenzjali li jeħtieġ li jiġi protett u msaħħaħ. Iż-żamma ta' flotta moderna, kompetittiva u sostenibbli hija prerekwiżit biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u tiġi żgurata l-provvista ta' prodotti tas-sajd ta' kwalità għolja lill-konsumaturi Ewropej.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur tqis li huwa imperattiv li r-reviżjoni futura tal-pjan pluriennali tal-Punent tal-Baħar Mediterran tkun parti minn sforz usa' biex tiġi ssimplifikata u mmodernizzata l-Politika Komuni tas-Sajd. Ir-regolamentazzjoni Ewropea trid tkompli tiżgura s-sostenibbiltà tar-riżorsi, iżda trid tkun ukoll aktar komprensibbli, proporzjonata u adattata għar-realtà operazzjonali tas-settur. Il-kompetittività tal-flotta Ewropea, it-tiġdid ġenerazzjonali, l-innovazzjoni u l-profittabbiltà ekonomika jridu jerġgħu jkunu fil-qalba tal-politiki tas-sajd tal-Unjoni.

Dan ir-rapport għandu l-għan li jikkontribwixxi għal dak l-objettiv permezz ta' proposta bbilanċjata li tgħaqqad is-sostenibbiltà ambjentali, il-vijabbiltà ekonomika u l-koeżjoni soċjali, filwaqt li jiżgura futur għas-sajd tal-Mediterran u l-komunitajiet li jiddependu minnu.

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet demersali fil-Punent tal-Baħar Mediterran**
**(2026/2074(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet demersali fil-Punent tal-Baħar Mediterran,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 4, 43(3) u 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u l-Artikolu 35 u 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (il-PKS),

– wara li kkunsidra ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2023/2842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 u (KE) Nru 1005/2008 u r-Regolamenti (UE) 2016/1139, (UE) 2017/2403 u (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd,

– wara li kkunsidra r-rapport dwar l-istat tas-sajd fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed mill-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO),

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina),

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu (Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) tal-10 ta' Diċembru 2020 intitolat "Dimensjoni Soċjali tal-PKS" (STECF 20-14),

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-11 ta' Mejju 2023 intitolata "Lejn settur tal-algi tal-UE b'saħħtu u sostenibbli".

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2023 dwar is-sitwazzjoni tas-sajd fuq skala żgħira fl-UE u l-prospettivi futuri,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2024 dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-prospettivi futuri,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ġunju 2025 intitolata "Il-Patt Ewropew għall-Oċeani" (COM(2025)0281),

– wara li kkunsidra r-rapport ta' Enrico Letta ta' April 2024 intitolat "Much more than a Market" (Ħafna aktar minn suq),

– wara li kkunsidra r-rapport ta' Mario Draghi tad-9 ta' Settembru 2024 intitolat "The future of European competitiveness" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea),

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea 2024-2029 li jmiss tat-18 ta' Lulju 2024,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2025 intitolata "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE" (COM(2025)0030),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-16 ta' Ottubru 2025 intitolata "Patt għall-Mediterran: Baħar Wieħed, Patt Wieħed, Futur Wieħed",

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ġunju intitolata "Is-sajd sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2026 "(COM (2025)0296),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e), u l-Anness 3 tad-Deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-tfassil ta' rapporti fuq inizjattiva proprja,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A10-0000/2026),

A. billi l-Baħar Mediterran huwa wieħed mir-reġjuni tal-baħar l-aktar diversi fid-dinja, li jsostni lill-komunitajiet u l-ekonomiji kostali li ilhom dipendenti fuq is-sajd għal

millennji sħaħ, benniena ta' ċivilizzazzjonijiet u pilastru fundamentali tal-identità kulturali, storika u ekonomika tal-Ewropa;

B. billi s-settur tas-sajd tal-Mediterran huwa essenzjali għall-impjiegi, għall-koeżjoni territorjali u għas-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni;

C. billi, matul l-aħħar seba' snin, il-flotot tas-sajd fil-Mediterran kienu soġġetti għal tnaqqis sinifikanti fl-isforz tas-sajd, u billi f'xi segmenti, bħall-flotta Spanjola tal-bastimenti tat-tkarkir, tali tnaqqis qabeż l-44 %;

D. billi l-flotta tas-sajd, speċjalment dik tal-Mediterran, għamlet sforzi sinifikanti biex tadatta ruħha u tintroduċi prattiki innovattivi aktar sostenibbli, b'mod partikolari fis-segment tat-tkarkir;

E. billi l-miżuri ta' kumpens applikati għall-flotta tal-Mediterran ikkontribwew biex jittaffu parzjalment l-effetti soċjoekonomiċi tat-tnaqqis fl-isforz tas-sajd, għalkemm jirriżultaw insuffiċjenti biex jiżguraw il-vijabbiltà fit-tul tas-settur;

F. billi l-STECF u l-GFCM indikaw il-persistenza ta' lakuni sinifikanti fid-data xjentifika dwar l-istokkijiet demersali fil-Mediterran, u dan jagħmilha diffiċli li dawn jiġu vvalutati kif xieraq;

G. billi r-rabta tal-isforz tas-sajd mal-aktar stokk vulnerabbli fil-fatt ġġenerat "speċijiet bi kwota limitanti", b'effetti sproporzjonati fuq is-sajd imħallat u l-vijabbiltà ekonomika tas-settur;

H. billi, wara ħames snin ta' implimentazzjoni, il-pjan pluriennali tal-Punent tal-Mediterran ta riżultati varji, b'sinjali pożittivi ta' rkupru għal ċerti stokkijiet, bħall-gamblu abjad, filwaqt li oħrajn, b'mod partikolari l-merluzz bħala l-istokk l-aktar vulnerabbli, jirkupraw aktar bil-mod;

I. billi l-pjan pluriennali tal-Punent tal-Mediterran huwa nieqes mill-mekkaniżmi ta' flessibbiltà u stabbilizzazzjoni bejn sena u oħra li jinsabu fi pjanijiet pluriennali oħra tal-Unjoni, u dan joħloq inċertezza legali u imprevedibbiltà ekonomika;

J. billi n-natura tas-sajd imħallat tal-Mediterran, fejn jinqabdu diversi speċijiet fl-istess ħin, tirrikjedi miżuri ta' ġestjoni adattivi li jqisu s-selettività tal-flotta, l-innovazzjoni tal-irkaptu u r-reżiljenza soċjoekonomika;

K. billi s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-attivitajiet tal-flotot ta' pajjiżi mhux tal-UE fil-Mediterran għadhom mhux ikkontrollati biżżejjed, b'effetti negattivi fuq l-istokkijiet tas-sajd u l-kompetittività tal-flotta Ewropea;

L. billi s-settur tas-sajd jeħtieġ li jsir aktar attraenti sabiex jiġi żgurat it-tiġdid ġenerazzjonali, tittejjeb il-kompetittività tiegħu u tiġi żgurata l-vijabbiltà tiegħu;

M. billi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura huwa essenzjali għat-titjib tas-sostenibbiltà u l-kompetittività tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, għall-appoġġ tal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd u għat-tisħiħ tal-iżvilupp tal-komunitajiet kostali, u għalhekk għandu jinżamm bħala fond iddedikat b'finanzjament adegwat;

***Riforma tal-pjan pluriennali għall-Punent tal-Mediterran***

1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta, sal-1 ta' Diċembru 2026, proposta leġiżlattiva għal riforma komprensiva tar-Regolament (UE) 2019/1022, billi temenda l-aspetti li ġejjin:

   (A) tissostitwixxi r-regoli eżistenti dwar it-tnaqqis tal-isforz fl-Artikolu 4(3) b'approċċ speċifiku għall-ġestjoni tas-sajd imħallat, kif applikat fi pjanijiet pluriennali oħra, filwaqt li telimina l-limitazzjoni tal-jiem tas-sajd minħabba "speċijiet bi kwota limitanti";

   (B) tintroduċi mekkaniżmi ta' flessibbiltà adattiva, bħat-trasferiment minn sena għal oħra ta' mill-inqas 10 % tal-opportunitajiet tas-sajd u tistabbilixxi ċikli biennali ta' ġestjoni tal-isforzi, biex tipprovdi prevedibbiltà fit-tul għas-sajjieda u għas-setturi tal-ipproċessar;

   (C) tiddisponi minn stabbilizzaturi li jillimitaw it-tnaqqis u ż-żidiet fil-jiem għal 20 %, dment li jinqabeż punt minimu ta' ekwilibriju, billi tinkludi b'mod espliċitu l-impatt soċjoekonomiku fit-teħid tad-deċiżjonijiet (l-Artikolu 3);

2. Jilqa' b'sodisfazzjon is-sejħa għal data għal valutazzjoni tal-impatt ippubblikata mill-Kummissjoni fis-26 ta' Mejju 2026 dwar il-pjan pluriennali, kif ukoll l-impenn tagħha li tivvaluta l-effetti soċjoekonomiċi tal-miżuri implimentati;

3. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet obbligatorji mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, b'mod partikolari l-Kunsill Konsultattiv tal-Mediterran, il-korpi xjentifiċi reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-sajjieda u l-industriji tal-ipproċessar, qabel ma tadotta aktar restrizzjonijiet;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina b'urġenza s-sitwazzjoni speċifika tas-sajd għall-gamblu aħmar, l-unika speċi soġġetta simultanjament għal żewġ miżuri koerċittivi bħas-sistema tal-kwoti u l-limitazzjonijiet fuq il-jiem tas-sajd, sabiex jiġi eliminat piż regolatorju doppju li kellu impatt partikolarment serju fuq il-vijabbiltà ekonomika u operazzjonali ta' dan is-sajd fil-Punent tal-Mediterran;

***It-tisħiħ tal-governanza tas-sajd fil-Mediterran: xjenza, monitoraġġ u kooperazzjoni reġjonali***

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-koordinazzjoni tar-riċerka xjentifika dwar is-sajd bl-aktar data aġġornata fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali, itejbu l-interoperabbiltà u l-iskambju bejn il-bażijiet tad-data tal-UE, tal-GFCM u tal-istituti tekniċi nazzjonali;

6. Jinsab imħasseb ħafna dwar ir-rapporti ta' sajd IUU minn pajjiżi mhux tal-UE fl-ilmijiet tal-Mediterran, inklużi ż-żoni ekonomiċi esklużivi tal-Istati Membri; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi stabbilit Uffiċċju Ewropew għall-Kontroll tal-Importazzjonijiet sabiex jiġi evitat li prodotti IUU jidħlu fis-suq intern;

7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali billi tintegra l-pjan pluriennali tal-Punent tal-Mediterran fil-qafas usa' tal-politika tal-viċinat tal-Unjoni; jilqa' l-objettivi tal-Patt għall-Mediterran biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-

governanza, il-kontroll, l-ispezzjoni, il-monitoraġġ u s-sorveljanza tas-sajd fid-dawl tas-sajd IUU;

***Niżguraw appoġġ ekwu għas-sajd tal-Mediterran***

8. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jallokaw bażit delimitat ta' mill-inqas EUR 7 290 miljun biex jappoġġjaw il-modernizzazzjoni u t-tiġdid tal-flotta (inkluż l-irkaptu selettiv, il-magni b'emissjonijiet baxxi, il-monitoraġġ diġitali), il-waqfien temporanju u l-programmi ta' diversifikazzjoni ekonomika;

9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta pakkett leġiżlattiv ta' simplifikazzjoni biex tiżgura l-kompetittività tal-Politika Komuni tas-Sajd, inkluża reviżjoni mmirata tar-regolament dwar il-pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut demersali fil-Punent tal-Mediterran, li jinkorpora l-modifiki u l-adattamenti identifikati f'dan ir-rapport;

10. Jitlob lill-Kummissjoni, qabel ma tintroduċi aktar tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd, tippermetti biżżejjed żmien għall-miżuri li diġà ttieħdu biex jipproduċu riżultati li jistgħu jitkejlu u jkunu soġġetti għal valutazzjoni xierqa tal-impatti bijoloġiċi, ekonomiċi u soċjali tagħhom;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li fir-rapport tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

| **1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza** |
|---|
| Europêche |
| EBFA |
| CEPESCA |
| FNCP |
| FAAPE – Federación Andaluza de Asociaciones Pesqueras |
| FACOPE |
| Coldiretti Pesca |
| AndMuPes |
| FENAPA |
| EJF |
| EBCD |
| **2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom** |
| Xejn |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).